



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0312 (NLE)

14065/23
ADD 1

EEE 26
RECH 445
FEROE 4

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-GŻEJJER FAEROE li
tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../...
TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-GŻEJJER FAEROE

ta' ...

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-GŻEJJER FAEROE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni¹ (il-“Ftehim”), u b’mod partikolari l-Artikolu 14(3),

¹ ĠU L 154, 7.6.2022, p. 4.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 15(2) tal-Ftehim, il-Ftehim ġie applikat b'mod proviżorju mill-24 ta' Mejju 2022 wara n-notifika mill-Gżejjer Faeroe tat-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għal dak l-għan.
- (2) L-Artikolu 14(3) tal-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, sabiex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva u xierqa tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, mehmużin ma' din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kumitat Konġunt

Il-Kopresidenti
